# IR-RABTA TAL-MADONNA MAL-LEĠĠENDI MALTIN

Il-leġġendi ta' pajjiżna, bħall-istejjer tal-ispirti u l-iħirsa, iqanqlu u jsaħħru lil bosta. Madankollu waqt li dawn tal-aħħar jaslu jbeżżgħu lil uħud, il-leġġendi joffru avventura u jaf ikollhom ukoll għeruq veritieri. Minbarra hekk, jagħtu sehemhom biex ikomplu jsebbħu l-kultura ta' pajjiżna. Illum, il-Kommendatur Salvator Mousù jkompli joffrilna l-benna u s-sbuħija tal-leġġendi marbutin ma' żewġ lokalitajiet... Bormla u r-Rabat.

Minn **CHARLES B. SPITERI**



Il-Madonna ssawwat lill-ġgant l-iswed jew ix-Xitan

**Salvator, ninżlu niżla lejn Bormla, fejn leġġenda ħelwa tirrakkonta ġrajja marbuta mal-ġgant iswed! Fiex tikkonsisti din il-leġġenda?**

Jingħad li żmien ilu, kaptan Sqalli kien ġej bit-tartana tiegħu minn Sqallija, mgħobbi b'merkanzija għal Malta. Minħabba t-temp xejn favorevoli it-tartana u l-ekwipaġġ daħlu fil-port tard billejl. F'dak il-kwiet, it-tartana ġibdet lejn id-daħla ta' wara Sant'Anġlu, li kien magħruf bħala l-Castrum Mare. Hemm instema' twerżiq ta' tifla ċkejkna. Il-kaptan ordna li titniżżel dgħajsa biex min ried seta' jmur jara x'kienet il-kawża. Marru bosta u ġrew lejn ħarruba mdaqqsa fuq għolja (li fuqha nbniet il-Kolleġġjata) mnejn instema' l-għajjat. Iżda kif qorbu beżgħu meta raw raġel ġgantesk sewdieni li kien qed ikaxkar u jerfa' tifla ċkejkna, bl-iskop li jaħrab biha.

Ippruvaw jaraw kif jintervjenu, iżda f'salt wieħed xehdu ġrajja li bellhithom.

Mara liebsa l-abjad – 'Sinjura Bajda', resqet b'ħeffa kbira, qaċċtet zokk mill-ħarruba u bdiet tfajjar bl-addoċċ fuq ras il-mostru, li nħasad, telaq lit-tifla u hu waqa' f'abbiss ta' nirien u ma deherx aktar. F'dak il-ħin, meta s-'Sinjura' ratu jgħib u lit-tifla rħielha, tbissmitilha u hi wkoll sparixxiet f'daqqa!

Imwerwrin u mbellhin, uħud mill-baħrin ġrew lejn it-tifla ċkejkna kollha rogħda u mbikkma, refgħuha u tellgħuha fuq it-tartana. Kulħadd abbord dar magħha bil-ħlewwa, u l-kaptan, kommoss mill-istorja u l-iżvintura tat-tifla qal lil kulħadd li kien se jaddottaha bħala bintu.

Wara li lestew xogħolhom f'Malta, l-ekwipaġġ reġa' salpa lejn Sqallija u kif daħlu fil-port lemħu folla tistenniehom, l-aktar nisa, iżda fosthom spikkat waħda liebsa l-iswed, kollha xehir u biki, li bdiet ixxejjer lil żewġha b'manjiera biex turih li hemm inkwiet jistennieh.

Dan, ma jafx x'ġara, qorob lejn martu u hi qaltlu li ħadd ma jaf fejn hi binthom. Kompliet tgħidlu li kienet għebet f'daqqa minn ħdejha, wara li rrabjatha u fit-telfa qaltilha: "Nirrah ix-xitan jieħdok miegħu!" U kif spiċċat il-kelma, raġel kbir iswed żbokka minn ma tafx fejn, ħatfilha lit-tifla u t-tnejn ma dehrux iżjed. Hawn il-mara ħassha ħażin waqt li r-raġel mar ħdejn it-tifla li salvaw, flieħa, u minn marka tat-twelid, sab li kienet binthom. Qal lil martu ma tinkwetax, għax lit-tifla sabuha Malta, qawwija u sħiħa wara li kienet inħelset mill-Madonna permezz ta' marżebba, għax hekk jissejjaħ iz-zokk għamla ta' mazza li kien tqaċċat minn mal-ħarruba.

**Leġġenda ħelwa Salvator, iżda fadal xi ħjiel fuqha?**

L-episodju leġġendarju hu mpitter fil-kappellun tal-lemin taħt il-koppletta tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni ta' Bormla. Iżda aktar minn hekk, meta l-Bormliżi bnew l-ewwel tempju tagħhom tal-Kunċizzjoni, ma nsewx il-ħarruba u żammew iz-zokk prinċipali tagħha eżattament fejn illum hemm il-kor ta' wara l-artal maġġur. Meta tkabbar il-kor, il-ħarruba twarrbet għal dejjem.

**Mela spiċċat tifkira interessanti.**

Iżda l-istorja ma tiqafx hemm, għax il-Bormliżi xjuħ kienu jikkontendu li dak iz-zokk, peress li kienet missitu l-Madonna, kien sar sagru u serva biex minnu ġiet iffurmata l-ewwel statwa prezzjuża tal-Kunċizzjoni li llum tinsab fil-parroċċa tal-Qrendi.

"L-episodju leġġendarju hu mpitter fil-kappellun tal-lemin taħt il-koppletta tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni ta' Bormla. Iżda aktar minn hekk, meta l-Bormliżi bnew l-ewwel tempju tagħhom tal-Kunċizzjoni, ma nsewx il-ħarruba u żammew iz-zokk prinċipali tagħha eżattament fejn illum hemm il-kor ta' wara l-artal maġġur

**Indawru ħarsitna lejn post ieħor - il-Pjazza ta' San Duminku fir-Rabat ta' Malta, li llum hi popolata sew u traffikuża. X'tista' tgħidilna fuq dan il-post?**

Forsi llum, l-aktar ħaġa li tissemma' fir-Rabat hi l-popolarità miksuba b'riżultat ta' devozzjoni li nistgħu nsejħulha 'ċelebri' tal-hekk misjuba 'Il-Madonna tal-Għar'. Żewġ kelmiet li jindikaw mingħajr ħafna spjegazzjoni l-istorja leġġendarja li wkoll kienet involuta fiha l-Madonna, iżda din id-darba, dejjem skont il-leġġenda, bl-intervent dirett tas-Sultana tas-Sema!

Issa, bħal f'każi oħrajn, irridu nġibu quddiem għajnejna kif kienet din il-lokalità, jew almenu kif setgħet kienet fi żminijiet tant imbiegħda daqskemm differenti minn tagħna.

Wara l-waqgħa tal-Imperu Ruman, niżlet fuq l-Ewropa, biex ma ngħidx fuq id-dinja kollha, dalma kbira ta' telfien ta' kull ordni, kultura, sens ta' doveri u dixxiplina. Il-famuża Pax Romana taret mar-riħ u magħha taret kull serenità li hi waħda mill-kolonni li fuqhom wieħed jista' jibni soċjetà ħajja

u kwieta ħalli tinbena dar bil-familja ħerqana għall-ġid komuni. Din id-'dar' kienet tkissret u magħha tkisser tista' tgħid, kull pajjiż, fosthom Malta. Mhux ta' b'xejn li fl-istorja, dak il-perjodu jissejjaħ Żmien id-Dlam.

**Allura la bosta nħawi ta' pajjiżna kienu mkissrin u abbandunati fejn marru joqogħdu n-nies?**

F'dak iż-żmien, ħafna nies irritornaw għall-għajxien fl-għerien li Malta kienet miżgħuda bihom.

Fil-post li qed nittrattaw, nafu li kien lokal li kien għadu, jew sar selvaġġ, b'siġar xebliek-a, għerien imxerrdin 'l hawn u 'l hemm, li madwarhom u taħthom kienu jeżistu labirinti, ħofriet u kultant anki kaverni, li fihom, matul tant sekli, kienu ġew trasformati f'oqbra. Dan peress li skont il-liġi Rumana, in-nies mejtin kienu jindifnu barra l-belt. Fost il-midfunin insibu ħafna antenati tagħna.

Kien żmien meta l-kaċċa kienet ħtieġa tant għall-bniedem, kif ukoll bżonn biex ċertu numru ta' annimali jkunu kontrollati.



Il-Madonna tal-Għar





It-tielet pittura li turi lill-ekwipaġġ imwerwer

**U kif nidħlu għal-leġġenda?**

Fiż-żmien li qed insemmu, żewġ kaċċaturi ħbieb, iddeċidew li sa minn kmieni filgħodu jmorru jaraw x'jaqbdu għall-ikel. Imxew, fittxew u ġrew skont il-bżonn u wara taħbit bil-kif, ma setax jonqos li ma qabdithomx għejja kbira u kellhom jistrieħu. Sabu għar u daħlu jistrieħu fih. Għajnhom marret bihom u raqdu. Meta l-jum kien qed joqrob lejn tmiemu, wieħed minnhom qam, ħares lejn sieħbu u meta rah jonħor, mitluf f'dik ir-raqda, qal: "U iva, inħallih bi kwietu, hekk jew hekk jaf isib triqtu lura." U telaq lejn daru.

Iżda arralu, għax stenna llum u stenna għada, għadda ż-żmien u sieħbu ma rritornax. Fittxewh għalxejn, għax sieħbu ma setax jiftakar sew fejn kien l-għar li strieħu fih.

Għaddew ġimgħat u xhur u ftit kienu dawk li ftakru fih. Sakemm wara sena u tliet xhur, is-sieħeb li kien ħallieh rieqed u li baqa' jmur għall-kaċċa, fettillu jgħaddi minn inħawi li nebbħuh fl-għar, li setgħu kienu daħlu fih. Daħal u baqa' miblugħ, jara lil sieħbu jogħrok għajnejh, qed iqum minn raqda twila. Kif rah staqsieh fejn kien u x'seta' ġralu tul il-15-il xahar li matulhom ħadd ma seta' jsibu.

**Jiġifieri raqad raqda waħda għal dak iż-żmien kollu?**

Iva, u kollu ferħan, qisu għadu jqum minn raqda ta' ftit sigħat, wiċċu jilma l-hena, wieġbu li kien għadu kif ħolom ħolma ta' ħlewwa liema bħalha. Fiha kellu viżjoni ta' mara, li qalb dija li tgħammex kienet qed iżżomm fuq dirgħajha ġmiel ta' tarbija u fuq fommhom tbissima tas-sema. Kompla jirrakkuntalu li waqt id-dehra, dehxa ta' hena ġriet ma' ġismu kollu u xtaq li ma tispiċċa qatt, għax kien konvint li dik il-mara ma kienet ħadd ħlief Ommna Marija Santissma b'Ġesù Bambin f'idejha!

Sieħbu emmen u rrakkonta kollox lin-nies b'dak li seħħ. Kulħadd emmen u l-għar ma damx ma akkwista d-devozzjoni xierqa. Maż-żmien, il-venerazzjoni lejn il-grotta kibret u l-post ma damx ma ngħata t-titlu ta' 'Il-Madonna tal-Għar'.

**Bħal f'kull leġġenda, ma jidhirlekx li din fiha taħlita ta' possibbiltajiet li setgħu seħħew tassew u ntgħaġnu mal-fantasija ta' missirijietna biex juruna kemm kellhom fidi u fiduċja fil-Madonna?**

Li persuni joħolmu bħall-kaċċatur mhix ħaġa stramba. Kulħadd jista' joħlom jew jgħaddi minn esperjenza pjaċevoli ta' ħolm fantastiku b'dak li l-aktar ikun iħobb, f'dan il-każ, il-Madonna.

Dik li dam rieqed 15-il xahar u reġa' qam qisu mhux hu, hi sinifikattiva u fiha forma ta' messaġġ li tirriferi għall-eternità. Għaliex fil-leġġenda jidħol in-numru 15 (-il xahar) ma tantx hu ċar, għalkemm jista' jkun li jirreferu għall-15-il posta tar-Rużarju. Li hu żgur hu li din tixbah lil waħda mill-isbaħ leġġendi Maltin: dik tal-Għasfur tal-Ġenna – meta patri jisma' għasfur jgħanni u tant jogħxa bil-ferħ li jgħaddu 100 sena mid-dinja tagħna, iżda għall-patri kienu ftit sigħat biss.

B'dan iż-żmien, missirijietna riedu jagħtu tagħlima lilna kemm il-feliċità tas-sema mhix marbuta maż-żmien, għax għas-sema, 15-il xahar jitfisser f'eternità. Umanament ukoll, nafu li l-ferħ estrem fil-ħajja, kontra d-dulur, dejjem jgħaddi f'ħakka t'għajn.

**Bħala leġġenda, għal liema seklu tmur lura?**

Tintrabat mas-seklu 13, meta kif għedt fil-bidu dan il-post tar-Rabat kien għadu fi stat ta' primittiviżmu ambjentali, bl-għerien spiss imwaħħdin ma' katakombi, li kienu numerużi. Uħud minnhom kienu u għadhom tant kbar u kumplikati li mhix ħaġa kbira li wieħed jintilef fihom, kif ġralu l-kaċċatur.

L-importanza ta' din il-leġġenda hi li l-grotta kienet il-kawża tat-twelid u tad-devozzjoni lejn il-Madonna, li matul is-sekli baqgħet dejjem tiżdied.

Meta fl-1450 ġew id-Dumnikani f'Malta, kienu infurmati bid-devozzjoni u marru jabitaw qrib dan l-għar. Fl-1457 ċertu Matteo Curmi ħallas minn butu u bena kappella fuq l-għar, li sadanittant beda jkun destinazzjoni għall-pellegrinaġġi, li kebbsu l-interess tad-Dumnikani u ddeċidew li jeħduh f'idejhom fl-1462.

Huma ma damux ma bnew kunvent u wara knisja mdaqqsa, biex bidlu l-għar f'santwarju. Iżda nsibu żminijiet koroh għal dan il-post; l-ewwel dak tal-1551 meta Dragut u Sinan Pasha assedjaw lil Malta u Għawdex u Sinan Pasha ħataf il-kunvent biex qagħad fih u minnu attakka lill-Imdina. Meta kellu jitlaq, hu vvandalizza kulma kien hemm u ħaraq kollox. Reġgħu attakkaw il-kunvent fis-snin 1554 u fl-1557, iżda l-kbir kien għadu ġej għax fl-Assedju l-Kbir, tal-1565 l-Għarab reġgħu telgħu fil-post u mill-ġdid għamlu ħerba sħiħa minn kollox.

Wara dak iż-żmien tant ikrah, ġew oħrajn aħjar u s-santwarju reġa' beda jżid fil-popolarità tad-devozzjoni u fis-sbuħija tiegħu, sakemm wasal, f'dak li hu llum. Sarlu xogħol ta' kisi bl-irħam, li għalkemm hu sabiħ tellef mill-oriġinalità tal-għar naturali, meta l-kaċċatur imsemmi, ħolom bil-Madonna.

Illum, dan is-Santwarju hu wieħed mill-aktar postijiet interessanti fir-Rabat u joffri laqtiet interessanti, storiċi u artistiċi lil kull min iħobb dawn it-tliet aspetti.

> "Li persuni joħolmu bħall-kaċċatur mhix ħaġa stramba. Kulħadd jista' joħlom jew jgħaddi minn esperjenza pjaċevoli ta' ħolm fantastiku b'dak li l-aktar ikun iħobb, f'dan il-każ, il-Madonna